'L-Armla ta'

Wied-iz-Zurrieq'

Novella

Published in Torca.

4

# L-Armla f'~~Inżul ix-Xemx~~ tà Wied iż-Żurrieq

Maż-żiġġi dgħajjfa tax-xemx, il-qalb dħassha tittnikket. Ix-xemx tinżeba wara l-għoljiet u l-aħħar dawl tagħha jiċċar iħammar is-smewiet u wara ftit, id-dlamm jibda jaxxaxa fuq l-art. Il-ħemda tibda tieħu post il-ħsejjes tal-jum.

Kemm hi sabiħa l-poeżija ta' l-inżul ix-xemx. L-għasafar jiqtgħu jittajru minn ġol-egħlieqi għal bejtiet tagħhom biex hemm jgħaddu l-lejl ma l-egħżież tagħhom. Il-qniepen qiegħdin iżommgħu leħinhom biex ifakkru l-Ave Maria, u l-fidili jingħaqdu flimkien biex itennu t-talba ta' filgħaxija.

Inżul ix-xemx huwa l-ħin meta l-moħħ jintilef fil-ħsibijiet. It-tifkiriet ta' dak li kien il-bogħod minna u ta' dak li ngħaddew iżjed mill-qrib jiġu quddiemna. Dak il-lejl, dik il-kelma jew dik it-tbissima, ~~kollha~~ qiegħdin ifakkruna fil-ħbiberija u fl-imħabba ta' l-ingħadd-

Imma għal dawk il-qlub muġugħa, ~~inżul ix-xemx hu aktar kiefer~~. Li jew milqugħin minn xi marda jew minn xi firda kiefra ta' xi wieħed mill-familja, inżul ix-xemx hu aktar kiefer;

Fuq l-għatba ta' bieb ta' għorfa ċkejkna, qiegħda il-kattar tidher mara, kollha u

u xiedla. Lejliet libsa l-iswed għaliex
ftit ilu tilfet lil-maħbub tagħha, ~~li~~
~~kien~~ sajjied qalbieni, waqt-burraxka
qalila, iż-żagħżugħ kien ġie
maħtuf minn mewġa qerrieda.
Issa ilu biċċa sewwa li ntilef
imma daħk ix-xebbejja għadha ma
għejjietx. Tittessi b'għajnejha f'dak
il-baħar li 'quddiemha. Tisthajjelha
qiegħda tittessi id-dgħajsa li solti
kien jerġa lura fiha, imma
din, issa m'għadhiex ijja. Inżul
ix-xemx illallam wiċċ il-baħar
u xeejn mhux aktar ta' dieġa
minn baħar qrib imdallam.
Waħedha, fuq għadbetha, għajnejha
jidhru msammrin fuq xefaq il-
baħar; kien f'dan il-ħin li l-maħbub
tagħha, solti kien jaħdem mis-sajda,
ixejjrilha biex juriha li hu qawwi
u sħiħ u li ~~qabad qabda~~ għamel
sajda sabiħa. Hi kienet tiġri
lejh biex tgħinu jniżżel minn fuq
id-dgħajsa * il-liċċi tal-ħut,
ix-xbieki u xi għodda oħra tas-sajd.
Kemm kienu ħinijiet hienja dawk
meta wara l-ħidma tal-jum kienet
issib sehħha f'dirgħajn il-maħbub tagħha!
Issa, dan ma jissemblax iżjed. L-imsejkna
xebbejja tibqa' tittbekka. Ħa' siebiet
imma qatt ilment wieħed. Għajnejha
fqulı dejjem lejn id-dmugħ, jidhru dejjem
ibbikkja fuq xefaq il-baħar bħallikieku
qed tistenna xi misidlu.

X'inhi tara? Liema xbiegħtek qiegħdin iqumu mnain wiċċ il-baħar fid-dawl inċajpar tal-inżul ix-xemx? Ċlief u ċlief tal-ħlief jleqqa issa jeġġew iktar fil-għoli tas-smewwiet u d-dalma waqgħet ma' wiċċ il-baħar.

Għajnejn il-mara għadhom imsammrin fil-bogħod, fil-bogħod eżatt ħdejn il-għajn, imma ~~għ[illegible]~~, issa ma tistax tilmaħ xejn għaliex fuq nofs il-baħar, issa mhux ħlief id-dawl ħamrani tax-xemx, imma d-dlam, id-dlam li jġib miegħu nżul ix-xemx.

15/6/71.

C. All...